Il-Kummissjoni Ewropea



©iStockphoto - Diego Rayaces

# Kemm huma sikuri l-ħiters elettriċi żgħar li jinbigħu fl-EU?

CASP Coordinated Activities on the Safety of Products

**L-awtoritajiet nazzjonali tas-sorveljanza tas-suq ikkollaboraw f'kampanja dwar is-sikurezza tal-prodotti, iffinanzjata mill-Kummissjoni Ewropea, biex jittestjaw ċerti ħiters elettriċi żgħar li jinbigħu fis-swieq tagħhom għall-konformità mar-regoli u l-istandards tal-UE.**

## X'kien ittestjat?

**80 kampjun ta' ħiters elettriċi żgħar** mixtrija online u minn ħwienet fiżiċi fi **11-il pajjiż**, ġew analizzati minn laboratorju akkreditat fl-UE. It-testijiet tal-laboratorju inkludew kontrolli fuq il-protezzjoni kontra l-aċċess għal partijiet li fihom il-kurrent, ir-reżistenza għall-umdità, l-istabbiltà u l-perikli mekkaniċi, u r-reżistenza għan-nar u s-sħana. It-tikkettar u l-marki ġew verifikati mill-awtoritajiet nazzjonali rilevanti.

## X'għandek tagħmel?

- **żomm** il-ħiter elettriku żgħir tiegħek 'il bogħod mit-tfal, minn materjal fjammabbli, mill-ilma u mill-ħwejjeġ imxarrbin;
- **tħallihx** mixgħul waqt li tkun rieqed, timblokkax il-gradilji tal-ventilazzjoni, tmissx l-element tat-tisħin, tużax adapters tal-ivvjaġġar biex tipplaggja l-prodott;
- **iċċekkja** Safety Gate għal problemi rrappurtati għall-ħiter elettriku żgħir li trid tixtri.
- **irrapporta problemi ta' sigurtà** jew inċident bil-prodott lill-awtorità tal-protezzjoni tal-konsumatur tiegħek fuq Consumer Safety Gateway.

## Riżultati tat-test

**43 minn 80 kampjun** ma ssodisfawx mill-inqas wieħed mir-rekwiżiti tal-ittestjar.

Ir-riżultati żvelaw li xi prodotti ma kellhomx saħħa mekkanika adegwata, b'riskju ta' ksur, espożizzjoni għal partijiet li fihom il-kurrent u xokk elettriku. Fil-każ ta' ħiters tal-fann, il-ħsara tista' tirriskja li tesponi partijiet li jiċċaqalqu, bħax-xfafar tal-fann. Kwistjonijiet ewlenin oħra identifikati inkludew marki neqsin jew struzzjonijiet inadegwati.

**50 minn 80 kampjun** ma ssodisfax ir-rekwiżiti għal twissijiet, marki u istruzzjonijiet li jridu jiġu pprovduti mal-prodott.

It-testijiet kollha f'daqqa, **62%** mill-kampjuni ttestjati ma ssodisfawx mill-inqas wieħed mir-rekwiżiti.

**Riżultati tat-test**
**Inklużi verifiki fuq twissijiet, marki u istruzzjonijiet**



## X'inhuma r-riskji?

Billi l-użu tal-ħiters elettriċi żgħar qed jikber, minħabba l-faċilità tal-użu tagħhom u l-benefiċċji tal-iffrankar tal-ispejjeż, it-twissijiet, il-marki u l-istruzzjonijiet isiru essenzjali. Madankollu, dawn l-apparati joħolqu riskju ta' xokk elettriku u nar u għandhom il-potenzjal li jaqgħu faċilment.

Tikkettar ħażin jew nieqes joħloq riskji li dawn il-prodotti jintużaq ħażin, bħal meta jitqiegħdu ħdejn materjali fjammabbli.

## X'għamlu l-awtoritajiet nazzjonali?

Seba' kampjuni ġew ivvalutati bħala li joħolqu **riskju serju**, 1 riskju għoli; 3 riskju medju u 12 riskju baxx.






© Shutterstock - New Africa

Skennja l-kodiċi QR għar-rapport dettaljat u għal aktar informazzjoni